

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1114/2012**tas-26 ta' Novembru 2012****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Vettura bil-ktajjen għat-trasport tal-oġġetti (imsejħa "minitrac"), b'magna tal-pistun għall-kombustjoni interna li tixgħel bil-kompressjoni, b'ċilindrata ta' 479 cm³, piż gross tal-vettura ta' 2 085 kg u ta' daqs ta' madwar 265 × 95 × 202 cm.</p> <p>Il-vettura tikkonsisti minn xażi u kaxxa li togħla biex taqleb il-kontenut ta' ġo fiha bi tliet naħat li jinfetħu, u b'kabina miftuħa b'sit għas-sewwieq.</p> <p>Il-piż meta mhux mgħobbija huwa ta' 840 kg, u l-piż massimu li tista' tiġi mgħobbija bih huwa ta' 1 200 kg. Il-veloċità massima tal-vettura hija ta' 6 km/s.</p> <p>Il-vettura, li hija intiża għat-trasport u r-rimi ta' materjal skavat jew materjali oħra fuq distanzi qosra fuq art imħarbta, mhix maħsuba għall-użu fuq l-awtostrada pubblika.</p> <p>(* Ara l-istampa.</p>	8704 10 10	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u tal-kliem użat fil-kodiċijiet tan-NM 8704, 8704 10 u 8704 10 10.</p> <p>Il-vettura hija intiża għall-użu mhux fuq awtostrada, fuq art imħarbta, għat-trasport u r-rimi ta' materjal skavat jew materjali oħrajn. Barra minn hekk, vetturi h'fief ta' dan it-tip użati fuq is-siti tal-kostruzzjoni huma kklassifikati bħala dumpers (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni għal intestatura 8704 u n-Noti ta' Spjegazzjoni tan-NM tal-kodiċijiet NM 8704 10 10 u 8704 10 90).</p> <p>Il-fatt li l-vettura hija mgħammra b'kaxxa li togħla u ktajjen minflok roti ma timpedixxix il-klassifikazzjoni bħala dumper (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-396/02.</p> <p>Għaldaqstant il-vettura għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi NM 8704 10 10 bħala dumper iddizinnjati għal użu barra l-awtostrada.</p>

(* L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

